# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 27 ta' April, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Alan Keith Zerafa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alan Keith Zerafa detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 499184M.

Akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2008 u Frar 2009, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu flus li kienu gew fdati jew

ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' deputat registratur impjegat mal-Qrati tal-Gustizzja, sew jekk kellu jew ma jellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, uza ghal xi ghan ikun li jkun, minghajr l-awtorita' bil-miktub tal-Prim Ministru, jew mhux skond xi kondizzjoni li tkun tinsab f'dik l-awtorita' bil-miktub, l-Arma ta' Malta jew xi imitazzjoni taghha, jew l-istemma jew l-arma msemmijin fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att Dwar l-Arma u s-Sigilll Pubbliku ta' Malta, Kap 253 tal-Ligijiet ta' Malta, jew xi imitazzjoni taghhom.

Rat il-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Gunju, 2009 skont l-Artikolu 7(2) tal-Att dwar l-Arma u s-Sigill Pubbliku ta' Malta (Kap 253) kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali m'humiex kontestati:

1. Mill-provi gie stabbilit li minn tal-inqas mill-ahhar tas-snin tmenin, kienet saret prassi fost l-impjegati tal-Qorti, u senjatament dawk li jahdmu fis-sezzjoni tas-subbasti tal-Qorti li, apparti x-xoghol ufficcjal rispettiv taghhom, jabbozzaw ic-cedoli ta' fidi ta' cens u c-cedoli ta' depozitu tal-kera ghal persuni tal-pubbliku in generali, li jitlobhom dan is-servizz.[1]

2. Il-procedura hija illi persuna mill-pubbliku tmur fis-sezzjoni tas-subbasti u titlob lil xi wiehed mill-impjegati f'dik is-sezzjoni biex jipprezentalha cedola ta' fidi ta' cens jew ta' depozitu tal-kera. L-impjegat jiehu l-informazzjoni necessarja minghand il-persuna koncernata, u din ittih l-ammont ta' flus necessarji, inkluzi dawk biex ikopru l-ispejjez tar-registru tal-Qorti, id-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali, u fil-kaz tal-fidi ta' cens, l-ammont tal-boll u "suppost" jghid lil din il-persuna li issa jrid jabbozza c-cedola d-dar u jibghatlu l-ircevuta bil-posta. Il-Qorti qed tghid "suppost", ghax mill-provi rrizulta li kien hemm impjegati li abbozzaw dawn ic-cedoli anki waqt il-hin tax-xoghol taghhom.

3. Billi ic-cedoli huma atti gudizzjarji, wara li jabbozza c-cedola, l-impjegat javvicina avukat u prokuratur legali biex jiffirmawlu ic-cedola. Dawn fil-prattika invarjabbilment kienu jaghtu dak li fil-lingwagg tal-Qorti tissejjah firma *"di favore",* jigifieri li l-avukat u l-prokuratur legali jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom stabbilit mill-Kodici ta' Procedura Civili li jesigu hlas talli ikunu ffirmaw ic-cedola u n-notifiki taghha. Huma sempliciment jivverifikaw li l-partijiet involuti fic-cedola ma jkunux klijenti taghhom, u fin-nuqqas jaghtu l-firma taghhom minghajr ma jippretendu hlas mill-impjegat, li naturalment kien izomm il-flus tad-drittijiet taghhom hu, bhala kumpens tax-xoghol li jkun ha. Pero jekk l-avukat u l-prokuratur legali ma jaghtux firma di *favore* u jesigu l-hlas tad-drittijiet taghhom, l-impjegat ma jkun intitolat ghall-ebda kumpens.

4. Wara li jkollu l-firma tal-avukat u l-prokuratur legali, l-impjegat jista' jipprezenta c-cedola fir-Registru tal-Qorti Civili, u jinhargu d-debiti ircevuti ufficjali. L-impjegat

[1] Ara xhieda ta' Lawrence Genius a fol. 206 *et seq.* tal-process.

jibghat dawn l-ircevuti bil-posta lill-persuna li tkun talbitu jaghmlilha c-cedola, u jew din il-persuna tigi tigborhom minghandu personalment, skont il-ftehim kif ikun sar. Fil-kaz ta' cedoli ta' fidi ta' cens, l-impjegat irid ukoll imur ihallas il-boll lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, qabel ikun jista' jipprezenta c-cedola fir-registru tal-Qorti.

5. Din il-prassi kienet approvata anke mill-ghola awtortajiet amministrattivi fil-Qorti inkluz mis-Sur Aldo Testone, li kien Direttur u Registratur tal-Qrati Civili meta nqala l-kaz in kwistjoni. Fil-fatt, is-Sur Testone qal kategorikament lill-Ufficjal Investigatur waqt l-investigazzjoni li ma kien hemm xejn hazin li ufficjali tal-Qorti jaghmlu dawn ic-cedoli u fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti ammetta li anke hu kien jaghmel dawn ic-cedoli meta bhala hmistax-il sena qabel kien addett fis-sezzjoni tas-subbasti, sakemm l-impjegat jahdem fuq dawn ic-cedoli d-dar, u mhux waqt il-hin tax-xoghol. Fil-fatt, fix-xhieda tieghu zied jghid ukoll li prassi simili tezisti wkoll fir-Registru tal-Qorti Kriminali, fejn nies li jircievu tahrika sabiex iservu ta' gurati, jitolbu lill-impjegati jaghmluhom rikors sabiex jigu ezentati milli jservu ta' gurat.[2]

6. Irrizulta wkoll li diversi drabi, peress li l-impjegat jahdem ic-cedola d-dar u hemm procedura x'tigi segwita, l-individwu li jkun talab is-servizz tal-impjegat u tah il-flus biex jaghmillu c-cedola, jitolbu ricevuta, u l-impjegat jaghtih ricevuta temporanja, li l-format taghha ivarja minn impjegat ghall-iehor. Aldo Testone u Lawrence Genuis xehdu li kienu jaghtu lill-individwu ircevuta temporanja li kienu jiktbu jew jittajpjaw fuq karta tal-Gvern li tigi f'idejhom dak il-hin, filwaqt li Adrian Pace, li bejn Awwissu 1996 u Mejju 2008 kien senior clerk fis-sezzjoni tas-subbasti,[3] xehed li jekk jigi mitlub jaghti ricevuta mill-individwu dak il-hin, kien jittajpja fuq il-computer dak il-hin stess quddiem il-klijent id-draft tac-cedola u fuqha kien jikteb il-kont kemm jigi u jtih dik.[4]

7. L-imputat dahal jahdem il-Qorti f'Dicembru 2006 u ghal habta ta' Awwissu 2007 gie assenjat bhala deputat registratur fis-sezzjoni tas-subbasti. F'din is-sezzjoni, sab il-prassi tal-abbozzar tac-cedoli mill-impjegati kif fuq spjegata u li qalulu biha l-impjegati l-ohra fis-sezzjoni. Fil-fatt ix-xhud Lawrence Genius xehed li kien hu li

[2] Ara xhieda ta' Aldo Testone a fol. 132 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Adrian Pace a fol. 56 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Adrian Pace a fol. 154 tal-process.

ghallem lill-imputat kif jaghmel dawn ic-cedoli, u eventwalment l-imputat tghallem jaghmilhom wahdu. Mill-provi, anki tas-Cybercrime Unit jirrizulta li l-imputat qatt ma abbozza dawn ic-cedoli fuq il-computer tax-xoghol tieghu, imma kien jahdimhom id-dar.

8. Fiz-zmien in kwisjoni u cioe fis-sena 2008, is-sezzjoni tas-subbasti kienet tircievi wkoll il-hlasijiet tal-kawteli tal-appelli civili u kellhom printer specifikament konfigurat biex jipprintja l-ircevuti ghal kawteli. Pero gieli kien jigri li dan il-printer ikun bil-hsara, u min jigi jiddeposita il-kawtela jkun irid ovvjament ircevuta. L-imputat, bhala l-kap tas-sezzjoni, ha l-inizjattiva sabiex jabbozza fuq il-computer tieghu ricevuta temporanja sabiex ituha lin-nies li jigu jhallsu l-kawtela meta l-printer ikun bil-hsara. Fuq din l-ircevuta temporanja ghamel l-arma ta' Malta, u b'tipa zghira isfel kien hemm il-kliem *"This is a temporary receipt, since the official receipts will be delivered by post."*[5]

9. Aldo Testone xehed ukoll li hu wkoll kien abbozza ricevuta temporanja meta kien assenjat xoghol fis-sezzjoni tal-kriminal, ghal kazijiet meta tigi persuna biex thallas multa jew tiddepozita il-garanzija tal-bail wara li jkun ghalaq ir-registru. Jekk ma kienx jaccetta dawk il-flus, dik il-persuna kienet tmur il-habs, u jekk il-gurnata tkun dik tal-Gimgha kien ikun ifisser li trid tibqa' l-habs sat-Tnejn fil-ghodu sa x'hin jiftah ir-Registru. Ghalhekk Aldo Testone kien jaghmillu ircevuta temporanja – pero ma ftakarx il-format taghha – u mbaghad meta jerga' jiftah ir-registru jissostitwielu b'wahda ufficjali.

10. Issa fit-18 ta' Dicembru 2008, certu Francis Mamo, ragel anzjan, mar is-sezzjoni tas-subbasti, sab lill-imputat u talbu jifdilu c-cens. L-imputat hadem l-ammont li Mamo ried ihallas li gie jammonta ghal €1,107.64. L-imputat sab fuq il-computer tieghu l-ircevuta temporanja li kienu johorgu ghall-hlas tal-kawteli tal-appell meta l-printer ma jkunx qed jahdem, mela id-dettalji u kiteb li flus qed jinghataw *"in respect of redemption of groundrent"*, ipprintjaha u tahielu.

[5] Ara Dok AG6 a fol. 31 tal-process.

11. L-imputat hadem fuq ic-cedola d-dar, gab firma di *favore* minghand Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, hallas il-boll, u ipprezenta c-cedola fir-registru tal-Qorti fid-9 ta' Jannar 2009.[6]

12. Meta l-imputat ipprezenta c-cedola fir-registru tal-Qorti fid-9 ta' Jannar 2009, il-kaxxier hareg ircevuta ghal €44.23 spejjez tal-prezentata u ircevuta ta' €978.79 rapprezentanti l-ammont li gie depozitat.[7] L-ircevuta tal-ammont ta' €50.00 boll giet mahruga qabel mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni,[8] u hemm it-timbru tal-Kummissarju fuq il-kopja tac-cedola ezebita in atti, li jikkonferma li thallas dan l-ammont.[9] Ir-rimanenti ammont ta' €34.62 huma d-drittijiet tal-avukat Dottor Vincent Galea u l-PL Joeline Pace Ciscaldi talli ffirmaw ic-cedola, pero huma xehdu li irrinunzjaw ghal dawn id-drittijiet ghax taw l'hekk imsejjha *firma di favore*, u ma kienu qed jippretendu l-ebda hlas ghal firma li taw lill-imputat. Konsegwentement, l-ammont ta' €1,107.64 li Francis Mamo ta lill-imputat kien kollu *accounted for*.

13. Gara li xi granet wara li l-imputat intavola c-cedola in kwistjoni, mar ragel ir-registru tal-Qorti Civili tal-Magistrati u kellem lill-impjegat Adrian Pace, u urieh l-ircevuta temporanja li kien hareg l-imputat lil Francis Mamo. Dan ir-ragel spjega lil Pace li peress li c-cens kien jithallas lilu, staqsieh x'ried jaghmel biex jizbanka l-flus. Pace xehed li din kienet l-ewwel darba li ra ircevuta bhal dik, ha fotokopja taghha, u baghat lil dan ir-ragel fis-sezzjoni tas-subbasti. Ftit hin wara, rega ra lil dan ir-ragel hiereg u deher li nqeda'.[10]

14. Peress li Pace xehed li qatt ma kien ra ircevuta bhal dik li urieh dan ir-ragel, hu wera l-kopja taghha lis-superjur tieghu Jason Sultana, li kien deputat registratur fir-Registru Civili tal-Magistrati. Sultana xehed li peress li d-dokument ma kienx wiehed li s-soltu jinhareg mill-kaxxier tal-Qorti, huwa iddecieda li jghaddi kopja tal-ircevuta temporanja direttament lill-Ministeru tal-Gustizzja u Affarijiet Interni, minghajr anqas biss jirrapporta l-ewwel lir-Registratur tal-Qrati. Naturalment il-Ministeru ordna lill-

[6] Ara Dok AG6 a fol. 31 tal-process.
[7] Ara Dok AG5 a fol. 30 tal-process.
[8] Ara Dok AG8 a fol. 49 tal-process.
[9] Ara Dok AG4 a fol. 29 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Adrian Pace a fol. 55 *et seq.* tal-process.

Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga l-allegati irregolaritajiet gewwa l-bini tal-Qorti minn ufficcjali tal-Qorti.

15. Din l-investigazzjoni malajr waslet sabiex jigi individwalizzat l-imputat bhala l-persuna li irceviet il-flus sabiex jaghmel ic-cedola in kwistjoni u li hareg l-ircevuta temporanja. L-imputat mill-ewwel ammetta l-involviment tieghu kif fuq spjegat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Din il-Qorti hadet l-izbriga li tispjega fid-dettal il-prassi li giet pruvata li tezisti l-Qorti fejn impjegati jabbozzaw u jipprezentaw cedoli ta' depozitu u fidi ta' cens, ghax temmen li dawn il-proceduri kontra l-imputat huma frott ta' malintiz min-naha tal-Prosekuzzjoni tas-sistema kif tahdem, tal-ligijiet li jirregolaw il-fidi tac-cens, u tal-kuncett tal-*"firma di favore"*. Inoltre, il-Qorti tispera li din l-ispjegazzjoni ta' din il-prassi tghin biex wiehed jifhem il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-konfront ta' kull imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Il-Qorti issa sejra tikkunsidra dawn it-tlett imputazzjonijiet separatament.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Approprjazzjoni Indebita Aggravata*

IL-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ,*

*amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur Angelo Gafa ghamilha cara li *"Ahna mhux qed nghidu li l-imputat zamm il-flus tac-cedola. Ahna qed nghidu li l-imputat zamm flus li hu gabar minghand min ddeposita l-flus bil-premessa li jkunu dritt ta' avukat u PL u zammhom ghalih"*[11] Fid-dawl ta' din ix-xhieda huwa car li din l-imputazzjoni ta' appropjazzjoni indebita hija limitata ghall-ammont ta' €34.62 rapprezentanti d-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali skond il-ligi fuq ic-cedola in kwistjoni, u li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat zammhom illegalment ghalih. Min dan isegwi, li l-persuni li l-Prosekuzzjoni trid tikkawtela b'dawn il-proceduri m'huwiex Francis Mamo li ghamel ic-cedola ta' fidi ta' sens, izda Dottor Vincent Galea u l-PL Joeline Pace Ciscaldi, li iffirmaw ic-cedola in kwisjoni, izda ma inghatawx id-drittijiet spettanti lilhom mill-imputat, li *a sua volta* kien gabarhom minghand Francis Mamo.

Fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-awtur **Luigi Majno**[12] jghid hekk:

*"**2649.** Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*

*Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato –*

*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendola in uso proprio –*

*Che cioe abbia fatto con dolo"*[13]

Ghalhekk, l-ewwel element ta' dan ir-reat hu li l-haga li tkun giet approprjata tkun giet konsenjata jew fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu specifikat.

Fir-rigward ta' dan l-ewwel element, **Majno** jghid hekk:[14]

*"Vera restituzione ed uso determinate implicano necessariomente la non assoluta disponibilita per parte del consegnatario. Infatti e principio costante in dottrina e giurisprudenza che il titolo di appropriazione indebita puo sorgere solo quando la consegna sia avvenuta per titolo non traslativo di proprieta. E per verita, se il titolo della consegna*

---

[11] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Angelo Gafa a fol. 20 tal-process.

[12] Ara **Commento al Codice Penale Parte II**, Verona 1894.

[13] *Op.cit.* fol. 347.

[14] *Op. cit.* fol. 348-349.

*fosse traslativo di domino, la disposizione e la appropriazione della cosa consegnata essendo necesario conseguenza legale ed esecuzione del contratto, non potrebbero mai costituirne violazione.*

*Percio la appropriazione indebita potra aver luogo per oggetti consegnati o ricevuti a titolo di mandato, deposito, locazione di cose o di opera, comodato. Non si potra invece parlare di appropriazione indebita ogni volta taluno, pur non adempiendo ad obblighi contrattuali, abbia ricevuto cose o valori a titolo traslativo e che gliene conferishe la piena disponibilita: come nel caso di chi sia stato anticipatamente pagato per la esecuzione di un lavoro e non lo abbia poi eseguito. In fatti in questo caso il denaro passa tosto in dominio di chi lo riceve, e l'obbligo che a lui incombe come esecuzione del contratto e la esecuzione del lavoro, non un uso determinato del denaro per poi riconsegnarlo."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti fil-waqt li taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li meta Mamo ta l-flus lill-imputat biex dan jaghmillu c-cedola ta' fidi ta' cens, ma kellux intenzjoni li jiehu dawk il-flus lura u ma tistax taqbel mad-difiza li Mamo ta dawn il-flus lill-imputat b'titolu ta' *dominus*, imma ikkonsenjahomlu bl-intenzjoni li l-imputat jaghmel uzu specifiku minn dawk il-flus u cioe li jaghmel ic-cedola ta' fidi ta' cens u jhallas l-ispejjez kollha konnessi maghha, inkluz id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali, li huma stabbiliti bil-ligi.

Konsegwentement ir-relazzjoni bejn Mamo u l-imputat kienet wahda ta' mandat. Fil-fatt ma hemmx dubbju li kieku Mamo qabbad avukat direttament biex jaghmillu c-cedola, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet tkun wahda ta' mandat. L-imputat kien jaf li teknikament hu kellu jhallas lil avukat u prokuratur legali, tant li fit-tieni stqarrija tieghu hu jghid hekk *"Id-dritt* (ta' Dottor Galea u l-PL Pace Ciscaldi) *ghadu ghandi u jistghu jirtirawh meta jridu huma ... ... Iva. Id-dritt huwa taghhom.*"[15] U fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, huwa xehed li waqt it-tieni interrogazzjoni tieghu beda jissuspetta li l-avukat u l-prokuratur legali kienu ghamlu xi kwerela talli m'ghaddielhomx id-dritt."[16]

Konsegwentement, l-ewwel element tar-reat ta' misapproprjazzjoni gie ippruvat.

[15] Ara fol. 26 tal-process.
[16] Ara fol. 193 tal-process.

It-tieni rekwizit ghar-reat ta' misappropjazzjoni gie wkoll pruvat, ghax kemm waqt l-interrogazzjoni kif ukoll waqt ix-xhieda quddiem din il-Qorti, l-imputat dejjem ammetta li hu ma kienx ghadda d-dritt lil Dottor Galea u lil PL Pace Ciscaldi, u zammu ghalih.

Pero jibqa' it-tielet rekwizit ghal dan ir-reat, u cioe li l-imputat ma tax id-dritt lil Dottor Galea u lil PL Pace Ciscaldi *"con dolo"* u cioe irid jigi ippruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jappropja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali. Kif jispjega **Majno**:[17]

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta, a scopo d'indebito profitto per se o per un terzo, il dolo sara costituito dalla volontarieta della conversion con scienza della sua illegittimita, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione di un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, <u>non incorrerara in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del conseso medismo.</u>* … …" (sottolinear ta' din il-Qorti).[18]

Issa hawnhekk nigu ghal famuza dicitura legali *"firma di favore".* Kif irrizulta mill-provi u inghad aktar il'fuq fl-elenku tal-fatti, meta avukat jew prokuratur legali jaghti *firma di favore* huwa ma jkun qed jippretendi l-ebda hlas mill-impjegat jew minn min jitlobhom tali firma. Kemm Dottor Vincent Galea kif ukoll il-Prokuratur Joeline Pace Ciscaldi xehdu b'mod kategoriku, li l-firma li huma taw fuq ic-cedola in kwistjoni kienu tawhilu *"di favore"* u ma ippretendew l-ebda dritt. L-unika haga li jaghmlu meta jaghtu firma di favore hu li jiccekkjaw ic-cedola, biex jaraw hux qieghda ssir fil-konfront ta' klijenti taghhom.

Il-PL Joeline Pace Ciscaldi spjegat tajjeb hafna dan il-kuncett meta giet mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur *"Kull darba li ghamilu dawn il-firem di favore, kemm kont tircievi flus minghand l-imputat?"* u hija wiegbet *"Le firma di favore, Il-kuncett huwa fih nnifsu di favore, ma tithallasx taghhom."* L-Ufficjal Prosekutur uriha diversi cedoli u staqsiha jekk

---

[17] Ara *op. cit.* a fol. 351 tal-process.
[18] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegried Borg Cole LLD.** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*Per* S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano).

kull darba li ffirmawhom qatx irciviet xi hlas minghand l-imputat, u wiegbet *"Le u lanqas pretendejt ghax hija firma di favore"*.[19]

L-istess kuncett gie spjegat ukoll mill-Avukat Vincent Galea. Huwa xehed li l-imputat qatt ma kellmu dwar ic-cedoli pero huwa gharaf il-firma tieghu fuq ic-cedola in kwistjoni u fuq ic-cedoli l-ohra li ghamel l-imputat. L-Avukat Galea xehed hekk *"La Francis Mamo u lanqas Francis Sammut imsemmija f'din ic-cedola ma huma klijenti tieghi u jiena ffirmajt fuq din ic-cedola bhala firma di favore. Jista' jkun gejt mitlub mil-PL Joelene Pace Ciscaldi li hija l-PL li nuza jiena ghall-prezentata tad-dokumenti l-Qorti sabiex niffirma dan id-dokument di favore. Sa fejn niftakar ma rrilaxajtx firem di favore lil xi mpjegat tal-Qorti. Zgur pero li meta f'kaz bhal dan nkun rrilaxxajt firma di favore, ma nkunx tlabt jew rcevejt id-dritt ta' avukat."*[20]

F'dawn ic-cirkostanzi, certament ma jistghax jinghad li l-imputat kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali, meta la darba l-Avukat Galea u l-PL Pace Ciscaldi tawh firma *di favore*, u konsegwentement irrinunzjaw li jithallsu talli iffirmaw ic-cedola, huwa zamm id-dritt taghhom ghandu.

Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem kif minkejja id-dikjarazzjoni inekwivoka ta' Dottor Galea u l-PL Pace Ciscaldi li jirrinunzjaw ghad-dritt spettanti lilhom skont il-ligi, u din id-dikjarazzjoni ghamluha wkoll lill-Ufficjal Investigatur fl-istadju tal-investigazzjoni,[21] l-Ufficjal Prosekutur xorta deherlu li kellu jakkuza lill-imputat b'misapproprjazzjoni talli ma tax id-dritt lill-Dottor Galea u lill-PL Pace Ciscaldi.

Pero jidher li fl-ahhar tal-proceduri, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ferris fl-ahhar fehem il-kuncett tal-firma *di favore*, u fit-trattazzjoni orali finali issottometta li l-imputat kellu jaghti l-flus – u l-Qorti qed tifhem l-ammont ta' €34.62 - ghax il-hlas tal-bilanc mill-ammont ta' €1,107.64 li Mamo ta lill-imputat gie kollhu gustifikat kif fuq spjegat – lill-Gvern ta' Malta jew lir-Registratur tal-Qorti. Il-Prosekuzzjoni harget b'dan l-argument gdid fl-ahharnett ta' dawn il-proceduri f'tentattiv fjakk biex issostni din l-ewwel imputazzjoni billi iccaqlaq il-lasti tal-loghba, stante li kif diga intqal iktar il'fuq, fix-xhieda tieghu fil-bidu tal-

[19] Ara fol. 74 tal-process
[20] Ara fol. 86-87 tal-process.
[21] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Angelo Gafa a fol. 14 tal-process.

proceduri, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa xehed bl-iktar mod car li l-imputazzjoni tal-approprjazzjoni indebita inghatat kontra l-imputat ghax ma tax id-dritt lill-avukat u lill-prokuratur legali. Din l-ahhar sottomissjoni tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ferris hija ghal kollox legalment infondata, u fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur ma ta l-ebda gustifikazzjoni fuq hix kien qed jibbaza din is-sottomissjoni gdida tieghu.

Skond il-ligijiet relevanti d-dritt tal-Gvern f'kaz ta' prezentata ta' cedola ta' depozitu ghal fidi ta' cens huwa ghal hlas tal-boll u ghal hlas tal-prezentata tac-cedola, li mhux kontestat li t-tnejn thallsu mill-imputat. It-Tariffa E tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tirregola d-drittijiet li ghandhom jithallsu lill-Avukati u lill-Prokuraturi Legali fosthom ghal prezentata ta' cedoli u tan-notifiki. Skond l-Artikolu 1501(7) tal-Kodici Civili, il-fidi ta' cens permezz ta' cedola irid isir a spejjez ta' min ikun irid jifdi, u allura Mamo, li fil-kaz odjern ried jifdi c-cens, kellu jhallas ukoll ghall-ispejjez tal-avukat u tal-prokuratur legali. Konsegwentement, il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li l-bilanc ta' €34.62, li l-imputat zamm ghalih, jirraprezentaw d-drittijiet li Dottor Galea u lill-PL Pace Ciscaldi irrinunzjaw ghalihom.

Fl-ahharnett, din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ghall-osservazzjoni tad-difiza fit-trattazzjoni finali fejn irrefera ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa[22] li xehed li waqt wahda mill-istqarrijiet, l-imputat kien hadlu cedoli maghmula minn zewg impjegati ohra tal-Qorti, Vincent Attard u Adrian Pace, biex jurih li l-abbozzar tac-cedoli kienet prassi normali fil-Qorti. L-Ufficjal Prosekutur li wara li ghamel l-investigazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' Attard u Pace u wara li ha l-parir tal-Avukat Generali, iddecieda li ghandhom jittiehdu passi kriminali biss kontra l-imputat, u mhux kontra t-tnejn l-ohra wkoll. Ir-raguni tal-Ufficjal Prosekutur kienet illi mill-investigazzjoni irrizulta illi *"dawn kienu qed jghaddu l-flejjes rispettivi generalment lin-nutara li jqabbduhom u jinghataw commission lura taghhom, kienu qed jaghmluhom ukoll wara l-hinijiet tax-xoghol."* Dan ir-ragunament tal-Ufficjal Prosekutur, iktar u iktar jekk moghti fuq parir tal-Avukat Generali jippreokkupa bis-shih lill-Qorti.

Fl-ewwel lok, kif diga gie ampjament spjegat skond il-ligi id-dritt jispetta lill-avukat u lill-prokuratur legali li jkunu iffirmaw ic-cedola, u ghalhekk, Attard u Pace kellhom id-dover li

[22] Ara fol. 15 tal-process.

jaghtu dan id-dritt lil dawn it-tnejn u mhux lin-nutar li qabbadhom jaghmlu c-cedola – sakemm naturalment l-avukat u l-prokuratur legali koncernati ma jcedux espressament id-dritt taghhom, in toto jew in parte favur in-nutar, talli ghaddilhom ix-xoghol. Jekk nutar ikun irid cedola, jkollu bzonn is-servizz ta' avukat u prokuratur legali biex jipprezentahom il-Qorti, u legalment irid ihallas ghal dak is-servizz. Inoltre, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Adrian Pace xehed li hafna drabi hu kien igib firem di favore, u d-dritt tal-avukati u tal-prokuratur legali kien izommhom bhala hlas tat-typing u tax-xoghol li jkun sar,[23] u mkien ma semma li kien itihom lin-nutar li jkun qabdu. Issejjahlu b'liema isem taghzel li ssejjahlu, ma hemmx dubbju li l-verita hi li dan l-ammont ta' flus li Pace kien izomm ghalih kien id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali li jkunu irrinunzjaw ghalih, bhalma kien jaghmel l-imputat, ghaliex Aldo Testone, id-Direttur u r-Registratur tac-Civil, stess xehed li jekk impjegat jaghmel cedola buona volonta tieghu ma hu intitolat ghall-ebda hlas, ghax skond it-tariffa fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili m'hu dovut xejn.[24]

It-tieni raguni li ta l-Ufficjal Prosekutur ghalfejn ma ttiehdux ukoll passi kontra Attard u Pace huwa ghax irrizultalu li dawn kienu jaghmlu c-cedoli wara l-hin tax-xoghol. Pero kieku, l-Ufficjal Prosekutur stenna l-ezitu tal-investigazzjoni tas-Cybercrime Unit fuq il-computer tax-xoghol tal-imputat, kien jirrizulta li lanqas l-imputat ma kien jaghmel ic-cedoli waqt il-hin tax-xoghol. Inoltre, Adrian Pace xehed f'dawn il-proceduri, li meta l-persuna kienet titolbu ircevuta tal-flus li tkun qed ittieh, kien jittajpja id-draft tac-cedola dak il-hin minn fuq il-computer tax-xoghol.[25]

Fid-dawl ta' dan kollu, meta anke fl-istadju ta' l-investigazzjoni irrizulta li kienet tezisti din il-prassi li l-impjegati jaghmlu c-cedoli u l-avukati u l-prokuraturi legali jtuhom firma di favore, u dan bl-approvazzjoni tad-Direttur u Registratur tal-Qrati, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Ufficjal Prosekutur u l-Avukat Generali deherilhom li kellhom jistitwixxu proceduri kriminali kontra l-imputat biss.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

---

[23] Ara xhieda ta' Adrian Pace a fol. 149-150 tal-process.
[24] Ara xhieda ta' Aldo Testone a fol. 66 tal-process.
[25] Ara xhieda ta' Adrian Pace a fol. 154 tal-process.

*It-Tieni Imputazzjoni* – Ezazzjoni kontra l-ligi

L-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:
*"Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena."*

**Il-Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu[26] jelenka l-elementi ta' dan ir-reat:
*"(a) The public character of the offender;*
*(b) the unlawful exaction, and*
*(c) the colour of office"*

Rigward l-ewwel element m'hemmx dubju li l-appellant huwa ufficjal jew impjegat fl-amministrazzjoni pubblika.

Rigward it-tieni element il-**Prof. Mamo** jghid li *"The second element of this crime is the unlawful exaction. What the public employee or servant exacts must be something which the law does not allow or exceeding that which the law allows, or must be exacted before it is due according to law."* Fid-dawl tal-fatti pruvati u mhux kontestati fuq esposti, dan it-tieni element ma jirrizultax. Fl-ewwel lok, l-imputat ma talab li jaghmel l-ebda xoghol privat in konnessjoni mad-doveri tieghu bhala ufficjal pubbliku, kien Francis Mamo li talbu jaghmillu c-cedola ta' fidi ta' cens u diversi nies ohra li talbuh jaghmlilhom ic-cedoli. Pero dan ix-xoghol kien jaghmlu wara l-hin tax-xoghol tieghu, kif l-impjegati tal-Qorti kollha kienu awtorizzati li jaghmlu mid-Direttur u r-Registratur. Fit-tieni lok, ma saret l-ebda allegazzjoni u wisq inqas ingabet xi prova, li meta l-imputat kien jahdem il-flus li l-persuna jkollha ttih biex ikun jistenna jipprezenta c-cedola kien jitlob lill-persuna li tkun trid tipprezenta c-cedola iktar flus minn dawk li t-tariffi u l-ligijiet rilevanti jippreskrivu. Il-Qorti tista' tieqaf hawn, pero ghal fini ta' kompletezza se tikkunsidra wkoll it-tielet element ta' dan ir-reat.

[26] Fol. 80 *et seq.* tan-noti tieghu

Rigward it-tielet element, il-**Prof. Mamo** jghid hekk: *"In the third place, it is necessary for the constitution of this crime that the unlawful exaction be made by the public functionary <u>under the colour of his office</u>. "Juris colre quesito". The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."* L-imputat ma kien qed jesigi l-ebda hlas *under the colour of his office* tant li lin-nies kien jghidilhom li dawk ic-cedoli ried jaghmilhom id-dar, ghax ma kellhomx x'jaqsmu mad-doveri tieghu fil-Qorti. Ma saret l-ebda allegazzjoni u wisq inqas giet prodotta xi prova li l-imputat fil-vesti tieghu ta' ufficjal pubbliku kien jipprova jinfluwenza lin-nies biex jipprezentaw cedoli ta' fidi ta' cens jew ta' depozitu ta' kera.[27] Ghalhekk, mill-provi u mill-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha ta' din il-Qorti fuq esposti, dan it-tielet element ma jirrizultax.

Konsegwentement, il-Qorti se tillibera lill-imputat minn din it-tieni imputazzjoni.

<u>*It-Tielet Imputazzjoni – Uzu tal-Arma ta' Malta*</u>

L-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 253 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi *"Ebda persuna ma tista' tuża għal xi għan ikun li jkun, mingħajr l-awtorità bil-miktub tal-Prim Ministru, jew mhux skont xi kondizzjoni li tkun tinsab f'dik l-awtorità bil-miktub, l-Arma ta' Malta jew xi imitazzjoni tagħha, jew l-istemma jew l-arma msemmijin fl-artikolu 2(2) jew xi imitazzjoni tagħhom."*

L-imputat kien ghamel ircevuta temporanja sabiex itiha lin-nies li jigu biex ihallsu il-kawteli tal-appelli civili, meta l-printer li jipprintja l-ircevuti kien ikun bil-hsara. Fuq din l-ircevuta kien ghamel l-Arma ta' Malta. Meta Francis Mamo talbu jtih ricevuta ghal flus li kien tah biex jaghmillu c-cedola ta' fidi ta' cens, l-imputat uza wahda minn dawn l-ircevuti temporanji.

---

[27] Ara b'analogija is-sentenza **Il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini** deciza fit-23 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*Per* Imhallef Michael Mallia).

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza qalet li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi l-imputat ma kellux il-permess minghand il-Prim Ministru biex juza l-Arma ta' Malta. Pero, fl-ewwel stqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hadd ma tah permess jaghmel l-Arma ta' Malta fuq din l-ircevuta temporanja.[28] Inoltre, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Gafa xehed li ma sabu ebda awtorizazzjoni sabiex tintuza l-Arma ta' Malta fuq dan id-dokument.[29]

Kif fuq spjegat gie ampjament spjegat li impjegati tal-Qorti johorgu ircevuti temporanji mhux biss in konnessjoni mac-cedoli, imma anke in konnessjoni max-xoghol tal-Qorti. Fil-kaz odjern, id-dokument jghid espressament li din hija ricevuta temporanja.

Il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi hija jekk l-imputat kisirx l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 253 tal-Ligijiet ta' Malta, meta pogga l-Arma ta' Malta fuq din l-ircevuta temporanja.

Il-Prosekuzzjoni qed tati interpretazzjoni restrittiva u litterali lill-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 253 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li l-fatt biss li l-imputat pogga l-arma fuq l-ircevuta temporanja, minghajr ma kellu l-permess tal-Prim Ministru, jikkostitwixxi ir-reat kontemplat f'dak l-Artikolu.

Pero fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, il-pozizzjoni mhix daqshekk semplici. L-Artikolu 3(1) jipprojbixxi ir-riproduzzjoni tal-Arma ta' Malta kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) tal-istess Kapitolu. Issa l-Artikolu 2(2) jippreskrivi hekk: *"(1) L-Arma ta' Malta tkun magħmula minn tarka li turi rappreżentazzjoni araldika tal-Bandiera Nazzjonali ta' Malta; fuq it-tarka kuruna murali kulur id-deheb b'pusterla u tmien turretti (ħamsa minnhom biss jidhru) li tirrappreżenta l-fortifikazzjonijiet ta' Malta u tindika Belt Stat; u madwar it-tarka girlanda magħmula minn żewġ fergħat, fil-lemin tagħha, Żebbuġa, fix-xellug tagħha Palma, simboli ta' Paċi u tradizzjonalment assoċjati ma' Malta, kollha bil-kulur veru tagħhom u marbutin fit-tarf t'isfel b'żigarella bajda fuq quddiem u ħamra fuq wara, li fuqha hemm miktub il-kliem REPUBBLIKA TA' MALTA b'ittri kapitali suwed; kif jidher fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att."*

Meta Aldo Testone, id-Direttur u Registratur tal-Qrati Civili, li fiz-zmien li kien qed jixhed kien wasal biex jirtira mix-xoghol bl-eta, gie mistoqsi dwar l-Arma ta' Malta, xehed hekk *"Li*

[28] Ara fol. 23 tal-process.
[29] Ara fol. 16 tal-process.

*naf li darba konna rcevejna cirkolari illi lanqas f'affarijiet ufficjali ma nistghux nghamlu l-Arma ta' Malta bil-kulur."*[30]

Fil-fatt l-Artikolu 2(2) jiddeskrivi l-Arma ta' Malta bil-kulur u fl-Ewwel Skeda li jaghmel riferenza ghaliha dan l-Artikolu l-Arma ta' Malta hija bil-kulur.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti mhux logiku, specjalment fl-era digitali tal-lum, li l-Artikolu 3(1) jigi interpretat fis-sens li, il-legislatur ried jipprojbixxi ir-riproduzzjoni tal-Arma ta' Malta f'kull cirkostanza, minghajr il-permess bil-miktub tal-Prim Ministru. Huwa fatt li din il-Qorti tista' tiehu *judicial cognisance tieghu* illi fil-bini tal-Qorti biss, l-Arma ta' Malta tigi riprodotta il-hin kollu mill-impjegati tal-Qorti, apparti fis-sentenzi tal-Qrati, fil-maggoranza kbira tal-atti ufficjali u korrispondenza illi ssir. L-imputat stess xehed li meta kien addettat ma' Imhallef talbu jirriproducilu l-Arma ta' Malta fuq l-ittri tieghu.

Jekk skond ma xehed l-Ufficjal Prosekutur, l-imputat, minkejja li kien u ghadu deputat registratur tal-Qorti ma kellux l-awtorizazzjoni tal-Prim Ministru biex jirriproduci l-Arma ta' Malta, dan ifisser li probabbilment lanqas l-impjegati l-ohra, ghall-inqas sal-grad tieghu m'ghandhom din l-awtorizzazzjoni. Bl-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) li qieghda tati l-Prosekuzzjoni, dan ifisser li hemm tal-inqas hafna impjegati tal-Qorti soggetti li jigu processati ghal dan ir-reat, stante li konstantement jirriproducu l-Arma ta' Malta fil-qadi tad-doveri taghhom.

Il-ligi ghandha tigi interpretata bil-buon sens u b'mod logiku. Jekk wiehed jaqra akkuratament l-Artikolu 3(1) dan jipprojbixxi ir-riproduzzjoni tal-Arma ta' Malta kif deskritta fl-Artikolu 2(2), li a sua volta jaghmel riferenza ghall-Ewwel Skeda tal-Att. Issa l-Artikolu 2(2) jiddiskrivi l-Arma ta' Malta bil-kuluri li ghandhom jintuzaw u l-Ewwel Skeda tirriproduci l-Arma ta' Malta bil-kulur. Jekk wiehed jghaqqad dan il-fatt ma dak li xehed Aldo Testone li kienu ircevew cirkolari fejn gie enfasizzat li lanqas setghu jaghmlu l-Arma ta' Malta bil-kulur f'affarijiet ufficjali, wiehed jasal ghal konkluzjoni li interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 3(1) huwa li huma biss riproduzzjonijiet tal-Arma ta' Malta bil-kulur li jehtieg l-awtorizazzjoni bil-miktub tal-Prim Ministru.

[30] Ara fol. 141 tal-process.

Issa fil-kaz odjern, ma giex pruvat li l-Arma ta' Malta li rriproduca l-imputat kienet bil-kulur, u konsegwentement, l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' din it-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**